**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Rikors Numru: 204/2020 RM**

**Go p.l.c.**
(C-22334)

**-Vs-**

**Gary Lewis Heath**

**Illum, 27 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjeta` attrici Go p.l.c. fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-27 ta' Ottubru 2020, fejn talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' hamest elef, erba' mija u tlieta u tletin Euro u disgħa u sittin ċentezmu (€5,433.69) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 40587783. Bl-ispejjez, komprizi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imgħaxijet legali, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut gie notifikat bir-Rikors promotur u l-avviż tas-smigħ tal-kawza permezz tal-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi madanakollu, minkejja li gie debitament notifikat, il-konvenut baqa' ma deherx quddiem il-Qorti biex jikkontesta l-kawza la personalment u lanqas permezz ta' rapprezentant legali, u lanqas ipprezenta ebda risposta in linea ta' kontestazzjoni;

Rat illi l-konvenut minkejja li ngħata l-opportunita` li jressaq il-provi tieghu fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2021, naqas milli jagħmel dan;

Rat ix-xhieda ta' Beverly Xerxen, manager fid-Dipartiment tal-Credit Control tas-socjeta` attrici, permezz ta' Affidavit ipprezentat fil-5 ta' April 2021[1];

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollja ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi qabel xejn il-Qorti tosserva illi għalkemm is-soċjeta' attriċi ipproċediet biex tinnotifika lill-konvenut bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skont kif maħsub fl-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12, hija ma kienetx kisbet preventivament l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex tagħmel dan. Minkejja dan iżda, m'hemm xejn li jeskludi li l-ordni tal-Qorti biex in-notifika ssir permezz tal-proċedura in kwistjoni, tingħata posterjorment biex tikkonvalida n-notifika li tkun diġa' ġiet effettwata, purche' naturalment in-notifika tkun saret in konformita' u b'osservanza tad-dettami essenzjali tal-imsemmi subartikolu (3) tal-Artikolu 187. Għaldaqstant, wara li rat illi l-affissjoni kif ukoll il-pubblikazzjoni tal-att

[1] Fol. 20.

saret skont kif maħsub fl-imsemmija dispozizzjoni legali, il-Qorti qiegħda għal kull fini u effett tal-liġi, tirratifika l-proċedura implimentata mis-soċjeta' attriċi għan-notifika tal-konvenut bl-affissjoni u pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'ġurnal wiehed [1] ta' kuljum bħallikieku din il-proċedura għan-notifika saret b'ordni ta-Qorti mogħti preventivament.

Illi kif ingħad, għalkemm il-konvenut, debitament notifikat bir-Rikors promotur u l-avviz tas-smigh tal-kawza, baqa' ma ppreżentax risposta u lanqas ma deher quddiem il-Qorti biex jikkontesta t-talba tas-soċjeta` attriċi fir-Rikors promotur, dan ma jfissirx li t-talba tal-attriċi fl-istess Rikors huwa ppruvat. Kif inhu risaput, in-nuqqas ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi ma jitqiesx bħala ammissjoni tal-istess talba iżda jitqies li huwa kontestazzjoni fiha nnifisha. Konsegwentment, jibqa' jinkombi fuq l-attur l-oneru li jipprova l-każ tiegħu fil-grad probatorju mehtieg mil-ligi fil-kamp civili, cioe` li jikkonvinċi lill-Qorti li fuq il-preponderanza tal-provi, il-kaz huwa ppruvat fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet.

Illi mill-atti tal-kawza jirrizulta illi l-konvenut kellu kont mas-soċjeta` attrici bin-numru 40587783 u fuq dan il-kont kien hemm reġistrati żewġ servizzi telefonici : wieħed bin-numru 79038151 u ieħor bin-numru 79216976. Minn ezami tal-i*statement of account* esebit mis-socjeta` attrici, Dok. A[2], jirriżulta li għas-servizzi reżi fuq dan il-kont għall-perijodu 1 ta' Jannar 2018 sa 1 ta' Gunju 2020, huwa dovut l-ammont komplessiv ta' €7,141.07, minn liema ammont il-konvenut ħallas is-somma totali ta' €1,707.38, bl-aħħar pagament isir fis-6 ta' Dicembru 2019. Dan ħalla bilanċ fis-somma mitluba fir-Rikors promotur, ta' €5,433.69, liema somma s-soċjeta` attriċi qiegħda tirreklama l-hlas taghha f'din il-kawza. Beverly Xerxen fl-Affidavit taghha, xehdet illi kompriż fil-bilanċ reklamat hemm penali fis-somma ta' €124.38 dovut fuq it-terminazzjoni antiċipata tal-kuntratt relatat mas-servizz bin-numru 79038151 u

[2] Anness mar-Rikors promotur bhala Dok. A.

kkonfermat ukoll li l-ammont bilanċjali ta' €5,433.69 baqa' ma tħallasx u b'hekk għadu dovut mill-konvenut.

Dawn il-provi ma ġewx kontradetti mill-konvenut u fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi s-soċjeta` attriċi rnexxielha tipprova b'mod sodisfaċjenti u fil-grad meħtieġ fil-kamp civili, illi l-ammont reklamat minnha ta' €5,433.69 huwa dovut mill-konvenut.

**Decide**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenut GARY LEWIS HEATH iħallas lill-istess soċjeta` attrici s-somma ta' hamest elef, erba' mija u tlieta u tletin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€5,433.69) ghar-raġuni indikata fir-Rikors promotur, bl-imgħax mid-data tal-preżentata tar-Rikors promotur, cioe` 27 ta' Ottubru 2020.**

**L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO (ft)**
**MAGISTRAT.**

**Marilyn Lauria Marmara**
**Deputat Registratur**